**FIL- PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR.C. FARRUGIA SACCO. B.A. LL.D**

**Seduta tas-26 ta' Gunju, 2001.**

**Citazz. Nru: 748/96FS**

**Joseph Ebejer**
Vs
**Josephine Ebejer, Francis Saliba, Direttur Registru Pubbliku u Josephine Ebejer li b' digriet tat- 2 ta' Lulju 1996 giet ikkonfermata kurtrici deputata halli tirraprezenta lill-minuri Luana.**

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fid-29 ta' Novembru 1986 u minn dan iz-zwieg kellhom tifla Maxine ta' 7 snin;

Illi l-partijiet ilhom separati 'de facto' ghal dawn l-ahhar sentejn;

Illi l-attur fetah kawza ghall-separazzjoni personali minn mal-konvenuta Josephine Ebejer;

Illi fl-1 ta' Novembru, 1995 twieldet tifla li inghatat l-isem ta' Luana Ebejer;

Illi din it-tarbija mhiex wild naturali tal-attur izda tal-konvenut Francis Saliba;

Illi l-minuri giet registrata taht kunjom l-attur skond certifikat numru 4873/95;

Illi l-attur gie a konoxxenza ta' dan il-fatt ricentement;

Ghaldaqstant l-attur talab lill-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1) Tiddeciedi u tiddikjara illi l-minuri Luana Ebejer mhux wild naturali tal-attur;

2) Tikkundanna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar isem l-attur mill-kollonna li tiffigura missier it-tarbija kif ukoll il-konnotati kollha tal-istess attur u tissostitwixxi l-istess bil-kliem "missier mhux maghruf" fic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru 4873/95 u fejn jinhtieg fl-Atti l-ohra relattivi u sussegwenti.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti jew min minnhom ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u dokumenti esebiti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimeti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet imressqa mill-attur salv li l-provi migjuba jkunu ahjar u soddisfaccenti skond il-ligi;

Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-atturi kien messhom talbu wkoll kancellament tal-kliem “the said” fil-kolona li tirreferi ghall-isem u kunjom ta’ omm it-tifla Luana.

Illi fi kwalunkwe kaz m’ ghandux ibati spejjez;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Josephine Ebejer proprio u ghan-nom u in rappresentanza tal-minuri Luana Ebejer li eccepiet:

Illi preliminarjament li fil-premessi l-allegazzjoni li l-minuri hija il-wild naturali ta’ Francis Saliba hija irregolari u kontra l-interessi supreme tal-minuri u ghandha tigi ikkancellata mill-atti.

Illi Francis Saliba mhuwiex legittimu kontradditur f’ kawza ta’ denegata paternita’.

Illi sussidjarjament u fil-mertu l-eccipjenti tirrimetti ruhha ghall-provi li jigu prodotti fir-rigward tal-paternita tal-attur.

Illi l-eccipjenti m' ghandhiex tbaghti hi l-ispejjez ta' din il-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-intimata;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidrat

Illi fis-7 ta' Ottubru 1997 il-konvenuta irrinunzjat ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet; l-attur ipprezenta nota ta' cessjoni fil-konfront tal-konvenut Francis Saliba; il-partijiet qablu li dwar dan il-punt l-ispejjez ikunu bla taxxa.

Ra l-affidavit tal-attur li permezz tieghu ikkonferma:

- li izzewweg lil Josephine Ebejer fid-29 ta' Novembru, 1986;
- li ilu separat *de facto* minn martu mill-1993;
- li fl-1 ta' Novembru 1995 lill-konvenuta twieldetilha tarbija li inghatat l-isem ta' Luana Ebejer;

- li ilu separat minn ma' martu u ghal xi sentejn qabel ma twieldet it-tarbija ma kellhom x'jaqsmu ma' xulxin;
- li Luana giet registrata taht kunjomu skond certifikat numru 4873/95;
- li qatt ma gie mitlub ihallas u lanqas qatt hallas manteniment ghat-tarbija.

Rat li xehdet Josephine Ebejer u qalet:

- li hi kienet mizzewga lill-attur;
- li kella tarbija jisimha Luana u dan wara li kien ilhom aktar minn sena ma jikkoabitaw flimkien; u wara qalet li bejn l-ahhar darba li kellhom x'jaqsmu ma' xulxin u t-twelid tat-tarbija ghaddew aktar minn sentejn;
- l-attur zgur li mhux missier it-tarbija;
- qabel ma kella t-tarbija kella x'taqsam ma' haddiehor;
- qatt ma talbet lill-attur ghall-manteniment.

Illi gie ordnat id-DNA testing. Gie nominat l-espert forensiku Christopher Farrugia biex jeleva kampjuni minghad Joseph Ebejer, Josephine Ebejer u Luana Ebejer ghall-analisi ta' DNA profiling liema kampjun intbaghat ghand Cellmark Diagnostics.

Rat ir-rizultati tar-rapport. Saru l-analizi fuq ghaxar regjuni jew lokijiet tad-DNA. Minn dan irrizulta li f'sebgha mill-ghaxar postijiet id-DNA teskludi lil Joseph Ebejer, bhala l-missier biologiku ta' Luana.

F' kazijiet bhal dawn, m' huwiex rari li tara xi tqabbil bejn esponenti mhux relatati. Ghalhekk il-konkluzjoni hi li mir-relazzjoni mibghuta

minn Cellmark, l-analizi tad-DNA teskludi li Joseph Ebejer huwa l-missier biologiku ta' Luana Ebejer.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Il-kawza giet ceduta fil-konfront ta' Francis Saliba.

Dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Josephine Ebejer l-ewwel zewg eccezzjonijiet gew ceduti; fit-tielet eccezzjoni il-konvenuta irremettiet ruhha ghall-provi.

Id-Direttur tar-registru pubbliku irremetta ruhu ghall-provi ghax ma kienx edott mill-fatti.

Ghalhekk ma hemmx aktar eccezzjonijiet ghal din il-Qorti biex tikkunsidra.

Dwar it-talbiet tal-attur irrizulta li l-attur mhux il-missier bijologiku ta' Luana u ghalhekk dwar l-ewwel talba tiddikjara li Luana Ebejer mhix il-wild naturali tal-attur.

Dwar it-tieni talba tilqa' t-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar isem l-attur mill-kollonna li tiffigura missier it-tarbija kif ukoll il-konnotati kollha tal-istess attur u tissostitwixxi l-istess bil-kliem "missier mhux maghruf" fic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru 4873/95 u fejn jinhtieg fl-Atti l-ohra relattivi u sussegwenti.

**SPEJJEZ:**

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku u Francis Saliba ma ghandhom ihallsu xejn – ta' l-ewwel ghax mhux tort tieghu; u fil-konfront ta' Saliba giet ceduta l-kawza. Dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta il-partijiet qablu li spejjez bla taxxa u il-Qorti tordna dan. Dwar il-bqija spejjez kontra l-konvenuta.